# DORIANNE NIEQSA MID-DAWL

Carmel G. Cauchi
Tpinġijiet ta' Frank Schembri



Jien jisimni Melanie u għandi għaxar snin. Ħuti m'għandix, imma għandi żewġ kuġini li joqogħdu fit-triq tagħna stess. Dawn huma Dorianne u Wayne. Dorianne għandha disa' snin u ħuha Wayne għandu tlieta. Dorianne hi tifla nieqsa mid-dawl. Aħna sikwit immorru għand xulxin u għand xi ħbieb oħra biex noqogħdu nilagħbu flimkien u tgħidx kemm nieħdu gost.

Meta twieldet Dorianne kienet tarbija tara, bħal tfal oħra. Bħal ma jagħmlu l-ommijiet kollha, il-mamà tagħha kienet teħodha regolarment għand it-tabib tat-tfal. Dan kien jiżinha u jeżaminaha, u lil ommha dejjem qalilha li kienet qiegħda tiżviluppa sewwa bħal trabi oħra. Meta kellha tliet snin Dorianne bdiet tmur il-Kindergarten. Wara xi ġimagħtejn il-Kindergarten Assistant tagħha, Ms Rose, indunat li Dorianne ma kinetx qiegħda tara sew. Kienet spiss taħbat ma' xi siġġu jew xi mejda, tressaq l-istampi m'għajnejha biex tipprova tarahom, u meta taqgħalha xi ħaġa fl-art ma kinetx tkun tista' ssibha, għalkemm tkun fejn tidher.

Meta Ms Rose qalet b'dan liz-zija Rita, omm


F. Schembri

Dorianne, din ħaditha bi kbira. Ħadet lil Dorianne għand l-ispeċjalista ta' l-għajnejn u din it-tabiba sabet li Dorianne kellha problema f'għajnha x-xellugija. Fi żmien qasir Dorianne beda jiġrilha l-istess f'għajnha l-leminija wkoll. It-tabiba ma setgħetx tgħid għaliex kien qiegħed jiġri hekk, u lanqas ma setgħet tagħmel kura lil Dorianne biex tiġi tara. B'hekk il-vista ta' Dorianne baqgħet sejra lura u llum ma tara kważi xejn. Imma Dorianne spiss tgħidilna li jekk il-postijiet ikunu mdawla sew hi tara ħafna aħjar.

Aħna nħobbu nilagħbu ħafna flimkien bil-pupi u s-*soft toys.* Hi għandha wkoll dar tal-pupa li kien għamlilha l-papà tagħha. Darba waqt li konna qed nilagħbu Dorianne bdiet tispjegalna kif tagħraf ċerti affarijiet.

"Dan it-*teddy bear* nagħrfu għax għandu kulur jgħajjat," qaltilna. "*Soft toy* ieħor, dan l-iljunfant, ma nagħrfux mill-kulur għax għandu lewnu mitfi, imma nagħrfu mid-daqs u l-għamla tiegħu. Bl-istess mod nagħraf tuffieħa minn lanġasa jew banana. Xi affarijiet oħra nagħrafhom mill-piż. Ngħidu aħna,

il-fliexken tal-luminata għandhom l-istess għamla u daqs, iżda mill-piż ninduna jekk flixkun hux vojt jew mimli. Però taħsbux li jiena nagħraf kollox tafux, l-aktar jekk tkun xi ħaġa ġdida."

Dorianne tgħidilna wkoll li tipprova tuża kemm tista' s-sens tax-xamm. Meta nkunu ż-żewġ familji flimkien ħafna drabi tkun taf jekk qrib tagħha jkunx hemm il-mamà tagħha jew il-mamà tiegħi għax waħda tuża fwieħa differenti minn ta' l-oħra. Is-sens tas-smigħ hu wkoll ta' għajnuna kbira għaliha. In-nies li taf sew tagħrafhom minn leħinhom. "Imma tgħidx kemm nirrabja meta xi tifel jew tifla li ma tantx naf tippretendi li nagħrafha minn leħinha biss. Dan mhux possibbli," issostni Dorianne.

Dorianne tħobb tgħin lill-mamà fix-xogħol tad-dar. Nhar ta' Sibt il-mamà u Dorianne jaqsmu x-xogħol tad-dar bejniethom. Dorianne taħsel il-ħaxix fis-sink biex il-mamà tkun tista' ssajru. Taħsel u tixxotta l-platti u tibbraxxja l-pil tal-kelb bl-ixkupilja tiegħu biex ikun dejjem nadif u sabiħ. Darba sibtha taħsel it-taraġ waħda waħda biċ-ċaruta ta' l-art. U bdiet tagħsarha fil-barmil bla ma twaqqa' ilma fl-art.

Il-mamà tħeġġiġha tmidd idejha biex kemm jista' jkun Dorianne tidra tkun indipendenti. Imma ma tħallihiex tagħmel dak li hu perikoluż għaliha. Għalissa, billi Dorianne għandha żgħira, il-mamà ma tkunx tridha tixgħel il-kuker jew il-forn, imma tħalliha tqatta' l-karrotti jew taqsam il-kejk għax Dorianne tgħallmet tuża s-sikkina bla periklu.

"Jiena, id-dar tagħna tista' tgħid li nafha rokna b'rokna," ġieli qaltilna Dorianne.

"Allura kif tagħmel biex tmur minn post għal ieħor?" darba staqsejtha b'kurżità.

"Id-dar tagħna drajtha sewwa," wieġbet hi. "Nimxi b'idejja mifruxa quddiemi, immiss il-ħajt u l-għamara u b'hekk ninduna fejn inkun wasalt. Għalhekk rari nintilef fid-dar. L-akbar diffikultà nsibha meta nħallu xi oġġetti fin-nofs għax nibqa' dieħla fihom. Nitfixkel ukoll meta jibdlu l-pozizzjoni ta' l-għamara u jinsew jgħiduli."

"Mela għalhekk, il-mamà tiegħek dejjem tgħidilna biex ma nħallux affarijiet fin-nofs," għedtilha jiena.



"Iva jekk ikun hemm l-affarijiet fin-nofs nista' nitfixkel u naqa' fihom."

"It-taraġ titilgħu u tinżlu bla ebda diffikultà, Dorianne," qalilha Jeremy, wieħed mill-ħbieb tagħna.

"Iva għax nista' nżomm mal-puġġaman," qaltlu Dorianne. "Imma hu diffiċli għalija li nimxi waħdi f'xi post ġdid."

Aħna nieħdu ħafna gost meta mmorru flimkien il-*playing field*. Sa ma naslu nżommu id f'id u naqsmu dejjem meta t-*traffic lights* jixegħlu aħdar. It-*traffic lights* li nużaw huma wkoll maħsuba għall-persuni neqsin mid-dawl għax meta jixgħel id-dawl aħdar nisimgħu ċertu ħoss, qisu alarm, u hekk Dorianne ukoll tinduna li nistgħu naqsmu.

Fil-*playing field* tgħidx kemm nieħdu gost nitbandlu u nduru fuq il-*merry-go-round.* Jiena ngħin lil Dorianne biex tmur sa ħdejhom u biex titla' fuqhom. Imma Dorianne tieħu gost l-aktar fuq iż-żurżieqa. Is-sellum taż-żurżieqa titilgħu waħidha u



tintelaq għan-niżla. Tassew tieħu gost tiżżerżaq u bħali tkun tixtieq tagħmilha għal xi tlieta jew erba' darbiet. Meta jkun hemm tfal oħra li jridu jiżżerżqu wkoll dejjem noqogħdu nistennew sa ma jmissna. Darba ppruvajna nqabbżu imma t-tfal l-oħra għamlu għalina. Darba oħra kien hemm tifel li, meta ra li Dorianne ma tarax, ried bilfors iċedilha, imma hi riedet tistenna sa ma jmissha. Dak it-tifel bilkemm ma ħax għalih.

Bħall-bqija tal-familja tagħha, Dorianne tħobb tgħum ħafna. Għalhekk, fis-sajf, iz-Ziju John spiss jieħu l-familja kollha l-baħar. It-tifla taf tgħum sew, iżda hu dejjem jinżel jgħum magħha biex ikun żgur li ma tidħolx f'xi għawġ minħabba li ma tarax. Huma jmorru jgħumu wkoll fil-Pixxina Nazzjonali. Hemmhekk hi tista' tinżel tgħum weħidha. Fil-pixxina Dorianne tiltaqa' ma' ħafna ħbieb tagħha, li wħud minnhom għandhom xi diżabilità bħalha.

Dorianne ilha tmur il-Pixxina Nazzjonali mindu kienet għadha tara mhux ħażin, u għalhekk għandha idea tajba ta' kif inhu l-post u kif inhu l-ilma sewwasew. Imma fost sħabha hemm tifel


F Schembri

agħma minn twelidu, u allura qatt ma ra xejn. L-ilma tal-pixxina jista' biss iħossu. Iħossu jekk hux sħun jew kiesaħ bla ma jaf sewwasew kif inhu. Min hu agħma mit-twelid ma jistax ikollu idea ta' ċerti affarijiet li qatt ma ra. Għalih ċerti affarijiet, bħal ngħidu aħna l-kuluri, ma jfissru xejn. Dawn ma tistax tħosshom b'idejk jew tagħrafhom b'xi sens ieħor ħlief b'għajnejk.

Il-papà ta' Dorianne, iz-Ziju John, iħobbha ħafna u, għalkemm ikollu ħafna x'jagħmel, dejjem isib il-ħin biex jitkellem u jilgħab xi ftit magħha. Meta joħorġu nhar ta' Ħadd aktarx li jmorru Ta' Qali. Hu jaf kemm tħobb tirkeb ir-rota, u għalhekk spiss imorru hemm biex tkun tista' ssuqha bla biża' mill-karozzi. Hu jitlobha ssuq bil-mod ħalli jkun jista' jlaħħaq magħha u jiggwidha.

Dorianne tmur l-Iskola Primarja tal-Gvern u qiegħda fil-Ħames Sena. L-għalliem tal-klassi hu s-Sur Micallef, imma, minħabba d-diżabilità tagħha, Dorianne għandha wkoll *facilitator* li tgħinha biex tkun tista' titgħallem bħat-tfal l-oħra. Ms Margaret, il-*facilitator*, tagħtiha attenzjoni kbira


the blanks

u tgħidilha dak li l-għalliem ikun qiegħed jikteb fuq il-*whiteboard* lill-klassi kollha. Min-naħa tagħha Dorianne tħobbha ħafna lil Ms Margaret u dejjem tipprova toqgħod attenta għal dak li tkun tgħidilha. Imma ġieli qalgħet xi għajta mingħandha għax ma tobdihiex.

Dorianne hija tifla intelliġenti, u ma ddumx biex tifhem u titgħallem. Imma t-tfal neqsin mid-dawl għandhom bżonn apparat adattat għalihom. Il-marki u n-numri fuq riga komuni, ngħidu aħna, ma jkunux jistgħu jarawhom. Għalhekk jeħtieġu riga modifikata li jkollha l-marki u n-numri mqabbżin 'il barra. Hekk, tfal bħal Dorianne ikunu jistgħu jħossu dawn in-numri u l-marki bil-ponot ta' subgħajhom. L-Iskola "Helen Keller", li tinsab il-Qrendi, hija ċentru ta' riżorsi għal min għandu din id-diżabiltà, u Ms Margaret mhux l-ewwel darba li marret tara tistax iġġib xi apparat li jgħodd għal Dorianne. Xi drabi l-mamà ta' Dorianne teħodha l-iskola "Helen Keller" bil-karozza. Hemmhekk tiltaqa' ma' tfal għomja oħra u titgħallem tuża xi apparat li jkun jiswielha.

Tfal neqsin mid-dawl jużaw *calculators* magħmula


THESE TREES USUALLY GROW IN THE FORESTS OF THE AMA?
THESE TREES USUALLY GROW IN THE FORESTS OF THE AMAZON

apposta għal persuni li għandhom din id-diżabilità. Dawn ikunu *calculators* jitkellmu, u jgħidulek liema numri tkun qed tagħfas u kemm tiġi s-somma. Hawn ukoll arloġġi apposta għall-persuni għomja. Xi wħud għandhom il-wiċċ jinfetaħ biex tkun tista' tħoss b'subgħajk kif qegħdin il-minutieri u ssir taf x'ħin hu. Hawn ukoll arloġġi oħra li jitkellmu. Kemm tagħfsilhom buttuna u jgħidulek il-ħin eżatt. Iz-Zija Ġemma tat wieħed minn dawn ta' l-aħħar lil Dorianne bħala rigal f'għeluq sninha. Dorianne tgħidx kemm ħadet gost bih u bdiet tilbsu kuljum.

"Illum hawn ukoll kompjuters li għandhom *software* apposta biex il-kompjuter jitkellem," darba spjegatli Dorianne. "Issa jiena qed imur il-Blata l-Bajda fejn qed jgħallmuni nuża dan is-*software*. Aktar 'il quddiem se nitgħallem ukoll kif nuża l-internet. Imbagħad jien u int inkunu nistghu noqogħdu niċċettjaw," żiedet bid-daħka Dorianne.

Dan is-servizz tagħtih il-Fondazzjoni msejħa FITA, li twaqqfet apposta biex tara li l-persuni b'diżabilità wkoll igawdu mill-użu tal-kompjuter u ta' l-internet.

Tliet darbiet fil-ġimgħa, il-mamà ta' Dorianne teħodha f'dan iċ-Ċentru tal-Blata l-Bajda għal dawn il-lezzjonijiet. Jgħallimha s-sur Darmanin li hu wkoll persuna nieqsa mid-dawl. Dorianne sejra tajjeb ħafna għax iz-Ziju John kien xtralha kompjuter b'dan is-*software* u hi toqgħod titħarreġ fuqu d-dar.

"Il-mużika favorita tiegħi hi l-pop," darba qalti Dorianne, "u tgħidx kemm indoqq CDs fuq ic-*CD player* li l-mamà u l-papà tiegħek kienu xtrawli għal *birthday*. Naħseb li dan hu l-isbaħ rigal li qlajt mingħandhom. Ċerti kanzunetti tant daqqejthom li tgħallimt il-kliem tagħhom bl-amment."

"Mela għalhekk spiss toqgħod tkanta magħhom," għedtilha jiena.

"U mhux inkanta biss!" qaltli ferħana Dorianne. "Mhux l-ewwel darba li nispiċċa niżfen ukoll mal-mużika."

"Imma l-persuni għomja kollha jħobbu l-mużika," staqsejtha jiena.

"Dażgur li le. Mela aħna kollha l-istess?" sostniet Dorianne.

"Għandek raġun," lissint jien. "Kulħadd bil-gosti tiegħu."

Is-*CD player* iżżommu fil-kamra tagħha u tara li ma tħallihx jgħajjat iżżejjed biex ma ddejjaqx lill-membri l-oħra tal-familja. Għalkemm ġieli qalgħet xi għajta mingħand il-mamà tagħha għax, bħal ma nagħmel jien, ġieli nsiet u ħallietu jgħajjat ħafna.

Imma Dorianne tant tħobbha l-mużika li tixtieq ukoll titgħallem iddoqq xi strument. L-istrument favorit tagħha hu l-kitarra, u l-mamà wegħditha li wara li tkun tgħallmet sew il-kompjuter tkun tista' tibda tmur titgħallem il-kitarra.

Il-mamà ta' Dorianne, bħalma tgħid ommi lili, dejjem tgħidilha biex iżżomm il-kamra nadifa u ma tħalli xejn fin-nofs.

"Għall-ewwel jiena ma tantx kont nobdiha," qaltli Dorianne. "Flok inpoġġi s-siġġu ma' l-iskrivanija



ġieli ħallejtu għan-nofs. U l-pupi ġieli ħallejthom mitluqa ’l hawn u ’l hinn. Minħabba f’hekk, mhux l-ewwel darba li ħbatt irkobbti mas-siġġu jew tfixkilt u waqajt f’xi ġugarell mitluq fl-art. Imma llum tgħallimt li iktar ma jkolli kollox f’postu iktar jaqbel lili.”

Is-sena l-oħra, meta Dorianne kienet għadha tara ftit mhux ħażin, Ms Margaret, *il-facilitator* tagħha, kienet tkabbrilha paġni sħaħ mill-kotba permezz tal-*photocopier* biex hi tkun tista’ tara l-ittri u taqra. Imma din is-sena l-vista tagħha marret għall-agħar u lanqas l-ittri mkabbrin m’għadha tista’ tara. Għalhekk minn xi xhur ’l hawn Ms Margaret bdiet tgħallimha taqra bil-Braille.

Meta Dorianne semmietli l-Braille qabditni kurżità, u meta fittixt fuq l-internet sibt li l-Braille hija sistema li tgħin lill-persuni għomja jaqraw billi, flok ittri stampati, fil-kotba jkun hemm tikek imqabbżin ’il barra. Kull ittra ta’ l-alfabet hija rappreżentata minn grupp ta’ tikek, mhux iktar minn sitta, u l-pożizzjoni tat-tikek tvarja minn ittra għal oħra. Il-persuni neqsin mid-dawl jistgħu jħossu dawn it-

tikek b'subgħajhom u jiffurmaw il-kliem f'moħħhom. Hemm ukoll simboli għal kliem sħaħ jew gruppi ta' ittri li niltaqgħu magħhom spiss. Meta Dorianne tmur l-iskola "Helen Keller" tħobb tissellef xi kotba bil-Braille biex titħarreġ fuqhom.

Din is-sistema kien ivvintaha l-Franċiż Louis Braille, u baqgħet imsemmija għalih. Louis kien tilef id-dawl t'għajnejh f'inċident meta kellu tliet snin.

Dorianne spjegatli wkoll li persuni kbar li huma neqsin mid-dawl jistgħu jitgħallmu l-Braille fiċ-Ċentru tal-Persuni Għomja li jinsab fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera.

L-iskola, waqt il-PE, Dorianne ma tistax tagħmel l-eżerċizzi kollha. Iżda hemm xi wħud, bħal *running on the spot, jumping on the spot* u xi eżerċizzi oħra li ma jitolbux ħafna ċaqliq minn post għal ieħor, li Dorianne tista' tagħmilhom bħal sħabha.

F'postijiet li tafhom sew, bħad-dar u l-klassi, Dorianne ma ssibx diffikultà biex tmur minn naħa għal oħra. Imma barra, fit-triq, hemm ħafna perklu.

Jekk toħroġ waħidha fit-triq mhux biss tista' tintilef imma wkoll tista' tintlaqat minn xi karozza. Iżda persuni neqsin mid-dawl ma jistgħux joqogħdu dejjem ġewwa, u lanqas joħorġu dejjem ma' xi ħadd li jżommilhom idhom. Għalhekk ħafna drabi naraw persuni għomja mexjin barra b'bastun abjad f'idhom. Dorianne ukoll qiegħda titgħallem tuża dan il-bastun.

B'dan il-bastun, il-persuni għomja jtektku ftit bogħod quddiemhom u jkunu jafu fejn mexjin. Barra minn hekk, min jarahom bil-bastun abjad ikun jaf li huma persuni għomja u ma joqogħdilhomx quddiemhom. Is-sewwieqa tal-karozzi wkoll jafu li persuni bil-bastun abjad huma għomja, u joqogħdu attenti li ma jolqtuhomx.

Barra minn Malta, nies neqsin mid-dawl ġieli jkollhom ukoll kelb kbir li jkun imħarreġ apposta biex imexxihom u jgħinhom. Dan il-kelb-gwida jservihom ta' għajnejn għax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' dawl tagħhom.

Bil-għajnuna li tirċievi mill-familja, mill-ħbieb u mill-



iskola, Dorianne għandha ssib postha fis-soċjetà, u meta tikber tkun tista' taqbad karriera u ssib impjieg li jkun jgħodd għaliha, bħal ħafna persuni oħra li bħalha huma neqsin mid-dawl.